MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Numru. 449/2000

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)

vs

Aldo Debono

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Aldo Debono ta’ 17 il sena, iben Leonarda Debono, imwieled il-Pieta’ fid-19 ta’ April, 1983 u joqghod Block 4, Flat 6, Appartamenti tal-Karwija, Kirkop, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 236883(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-5 ta’ Mejju, 2000, gewwa dawn il-gzejjer, xtara, jew ircieva, kellu fil-pussess tieghu, jew

mexxa biljetti ta' flus iffalsifikati u cioe' karta tal-flus tad-denuminazzjoni ta' l-LM20, ghadetriment ta' l-Electro Water Supplies ta' Hal Qormi, u dan bi ksur ta' l-Artikoli (45) u (46) tal-Kap 204, tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat oltre talli fl-istess data u lok saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAN-041 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew minghajr licenzja specifika ghall-imsemmija vettura.

B'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni. Il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat milli jiehu u/jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar, dan kollu bi ksur ai termini ta' l-artikoli 15(1) (a) (3) tal-Kap 65, Regualtion 50 tal-MVR, artikolu 3 tal-Kap 104, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom in-nota tal-Avukat Generalli tad-19 ta' Novembru 2002 (a fol. 102) li permezz taghha deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 104;
(b) Fl-artikoli 18 u 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u l-Avviz Legali 128 tal-1994;

(c) Fl-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104;

(d) Fl-artikolu 17(b), 20, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura somamrja minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u t-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-5 ta’ Mejju 2000 il-Pulizija ta’ Hal-Qormi kienet giet infurmata li zewg zghazagh kienu dahlu fil-hanut bl-isem ta’ Electro Water Supplies li kien jinsab Hal-Qormi u kienu prezentaw lil sid il-hanut b’karta tal-ghoxrin Lira Maltin li sid il-hanut Natalino Falzon issuspetta li kienet falza. Dan tal-ahhar li xehed fis-seduta tas-17 tta’ Ottubru 2002 qal li fl-imsemmija data kienu dahlu tnejn min-nies li kienu rgiel gewwa l-hanut tieghu u talbuh sabiex jixtru squeezer. Wiehed minn dawn l-irgiel staqsa lill-iehor jekk l-isqueezer in kwistjoni kienitx dik li kienet talbitu jixtri ommu u meta l-iehor irrisponda fl-affermattiv dan ir-ragel talbu (u cioe’ lil Falzon) igiblu erba’ squeezers ohra u tah karta tal-ghoxrin lira. Falzon jispjega li huwa dahallu suspett dwar l-awtenticita’ ta’ din in-nota minhabba ncident li kien gralu l-gurnata ta’ qabel u ghalhekk huwa mar jivverifika dwar din in-nota u sab li kienet falza u ghalhekk cempel lil Pulizija u dawn tawh struzzjonijiet sabiex itawwal kemm jista’ jkun sabiex huma jilhqu jigu fuq il-post. Falzon ikompli jjghid li f’hin minnhom wiehed mill-irgiel deher li kien ser jaqbad il-flus u  jitlaq il-barra u ghalhekk huwa qallu li kien ser jaghtih il-bqija u dan qallu dalwaqt gej ser immur nixtri xi haga mill-petrol station u hareg. Falzon ghalhekk hareg barra u ra liz-zewgt irgiel jidhlu f’vettura u huwa ha d-dettalji ta’ din il-vettura u ghadda l-informazzjoni lil Pulizjia li ftit tal-hin wara marru fuq il-post u kkonsenjalhom ukoll il-biljett ta’ l-ghoxrin lira. Falzon gharaf il-vettura li tidher fir-ritratti esebiti a fol. 21 tal-process bhala l-vettura li huwa ra liz-zewgt irgiel jitilqu biha minn fuq il-post u qal ukoll li lill-imputat prezenti fl-awla kien jgharfu bhala wiehed mill-persuni li kien dahal fil-hanut tieghu izda qal ukoll li l-imputat ma kienx il-persuna li tah l-ghoxrin lira izda l-peprsuna li kien mieghu u hareg mill-hanut. Huwa qal ukoll li meta hareg barra kien ra lill-imputat isuq il-vewttura ta’ lewn ahmar u tal-marka Escort. Natalinno Falzon spjega wkoll li dakinhar li sehh l-incident li huwa xehed dwaru il-Pulizjia tas-sezzjoni kontra l-Frodi kienu wrewh sett ta’ ritratti fejn huwa kien identifika iz-zewgt irgiel li dakinhar kienu dahlu fil-hanut.

Permezz tal-ewwel akkuza l-imputat odjern qed jigi akkuzat taht l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligjiiet ta’ Malta talli fil-5 ta’ Mejju 2000 huwa xtara, ircieva jew kellu

fil-pussess tieghu jew mexxa biljetti ta’ flus falsifikati. Issa kif jidher mix-xhieda ta’ Natraalinio Falzon appena citata fil-paragrafu precedenti dan Falzon idetnifika lill-imputat biss bhala wiehed miz-zewgt irgiel li dahlu fil-hanut tieghu u soecifika li l-imputat ma kienx il-persuna li tah il-biljett tal-ghoxrin lira u l-anqas ma kien il-persuna li talbu sabiex ibieghlu xi affarijiet. Il-Qorti jidrilha li abbazi ta’ dak li qal Natalino Fenech ma tistghax issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza stante li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali, u cioe’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-imputat kien xtara, ircieva jew kellu fil-pussess tieghu jew mexxa biljetti ta flus foloz. Kull ma gie pruvat kien li huwa kien qed jakkompanja lil persuna ohra fil-hanut ta’ Natalino Falzon, liema persuna qatt ma giet identrifikata mill-Pulizjia u li marret sabiex tixtri xi ogetti minghand l-Electro Water Supplies u pruvat teffetwa pagament b’biljett ta’ ghoxrin lira falz. Irid jigi puntwalizzat li dan Falzon qal li huwa kien identifika liz-zewg persuni li dahlu fil-hanut tieghu meta gie muri xi ritratti mill-Pulizjia izda jidher li l-Pulizjia hadet passi biss kontra l-imputat odjern.

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-ewwel akkuza ma gietx pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputat odjern u ghalhekk huwa ser jigi misjub mhux hati tal-istess akkuza.

L-imputat gie ukoll akkuzat talli fl-istess data hin u lok huwa kien saq il-vettura bin-numru tar-registrszzjoni HAN 041 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u u minghjar licenzja specifika ghall-imsemmija vettura.

In kwanru jirrigwarda din l-akkuza irid jinghad li ghalkemm l-imputat ma ssollevax formalment eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ghal din l-akkuza, waqt it-trattazzjoni finali l-avukat difensur tieghu sostna li l-istess akkuza hija preskritta stante li l-imputat gie notifikat bl-akkuzi odjerni wara li ghaddew tlett xhur mid-data li fiha sehhew l-allegati reati. Huwa ghalhekk sostna li din l-akkuza hija preskritta bil-preskrizzjoni ta’ tlett xhur. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tiddikjara ghal kull buon fini li t-tieni akkuza m’hijex preskritta stante li ai temini tal-

imsemmi Artikolu il-perijodu ta' preskrizzjoni appliakbbli ghar-reat li bih l-imputat qed jigi akkuzat permezz tat-tieni akkuza huwa dak ta' sentejn u mill-atti jirrizxulta li l-istess imputat effettivament gie notifikat entro is-sentejn mid-data tal-allegati reati.

Sorvolat dan il-punt ma tantx hemm xi tghid dwar it-tieni akkuza salv li mill--provi  mressqa mill-Prosekuzzjoni din tirrizulta ampjament pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-provi jirrizulta fil-fatt kemm li l-imputat ma kellux tminatax il-sena fil-5 ta' Mejju 2000 u li huwa ghalhekk ma setghax kellu licenza tas-ewqan kif ukoll li huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura. Natalino Falzon fil-fatt identrifika lill-imputat Aldo Debono bhala l-persuna li kienet qed issuq il-vann ta' lewn ahmar u tal-marka Escort.  Irid jinghad ukoll li fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija mill-imputat (esebita a fol. 19 u 20 tal-process) l-imputat kien ammetta mal-pulziija li huwa kien saq il-vann in kwistjoni, liema vann kien propjeta' ta' huh, fil-5 ta' Mejju 2000.

In kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza, u cioe' li l-imputat kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAN 041 minghajr ma kien kopert minn polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni din ukoll tirrizulta pruvata ghaliex l-imputat stess ammetta li ma kellux timintax il-sena fl-imsmemija data u inoltre mit-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tieghu jirrizulta li din l-akkuza fil-fatt hija ammessa.

Ghal-finijiet ta' piena il-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat kellu sbatax il-sena meta sehhu ir-reati li bihom huwa gie akkuzat u ghalhekk applikat dak li jidisponu l-Artikoli 37 u 17(f) u 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tad-19 ta' Novembru 2002 kif ukoll l-Artikoli 17(f), 31(1)(f) u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tidikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha, issib lill-imputat hati tal-tieni akkuza u tikkundannah ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) u issib lill-imputat hati tat-tielet

akkuza u tikkundannah ihallas ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Il-Qortit tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-biljett ta’ Lm20 falz esebit a fol. 108 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------